MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2009

Numru. 881/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**KONTRA**

**STEPHEN PREVI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Stephen Previ ta’ 34 sena, bin Gerald u Maria Concetta nee’ CAchia, mwieled Pieta’ nhar id- 9 ta’ Ottubru 1974, residenti fil- fond ‘Osprey’, Triq Antonio Falzon, B’Kara u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 487174(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Tali f'dawn il- Gzejjer, fid- 29 ta' Lulju 2009 u fix- xhur ta' qabel din id- data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jittratta r-ricettazzjoni ta' oggetti misruqa mis-socjeta' kummercjali Playmobil fuq medda ta' xhur qabel Lulju 2009. L-imputat ammetta l-involviment tieghu mal-Pulizija mal-ewwel, hekk kif qabduh fil-pussess ta' kwantita' konsiderevoli ta' oggetti misruqa. Dan irrisulta anke mill-istqarrija tal-istess imputat, esebita f' dawn l-atti. Fil-fatt l-oggetti misjuba fil-pussess tieghu llum jinsabu ghand il-Pulizija, u ghandhom jigu ritornati lilt al-Playmobil hekk kif jintemmu dawn il-proceduri. Ghalhekk, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Skond l-Artikolu 334 tal-Kap 9, min hu hati ta' ricettazzjoni jehel il-piena tar-reat ta' serq, mizjud bi grad minhabba fl-aggravanti tar-reat kontinwat, liema piena hi ta' bejn seba'

xhur u erba’ snin prigunerija. Il-Qorti giet infurmata li l-imputat assista lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha, u l-oggetti misjuba fil-pussess tieghu ser jigu ritornati lil sidhom. Inoltre l-imputat ghandu fedina penali netta, u tenut kont ukoll tal-ammissjoni bikrija, Il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz tista’ tapplika piena ta’ prigunerija entro l-parametri tal-ligi, b’dan illi tali piena ma tidholx fis-sehh minnufih izda tinzamm sospiza sakemm l-imputat ma jaghmelx reat iehor fiz-zmien moghti lilu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------